MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2009

Appell Civili Numru. 1094/1999/1

**Lawrence u martu Theresa Borg u b'digriet tal-4 ta' Gunju, 2009 l-istess Lawrence Borg gie awtorizzat jirraprezenta lil bintu minuri Ramona Borg bhala eredi ta' ommha Theresa Borg li mietet fil-mori tal-kawza.**

**v.**

**Joseph u Joyce konjuġi Gatt.**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'ċitazzjoni ppreżentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Mejju, 1999 l-atturi ppremettew illi l-konvenuti huma debituri tal-atturi fl-ammont ta' erbghat elef mitejn u erbgħa u tmenin Lira Maltin (Lm4,284) rappreżentanti sehem l-atturi minn negozju li jinvolvi xiri u bejgħ ta' majjali u annimali oħra, liema negozju sar bejn l-atturi u l-konvenuti flimkien u li l-konvenuti baqgħu inadempjenti u naqsu li jgħaddu l-ammont imsemmi lill-atturi kif spjegat; illi dan id-debitu huwa ċert, likwidu u dovut u l-atturi ppreżentaw maċ-ċitazzjoni *affidavit* ġuramentat skond Artiklu 167(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta (Dok A); illi avolja nterpellati biex iħallsu dan l-ammont il-konvenuti baqgħu inadempjenti u ma ħallsu xejn. Dan premess l-atturi talbu li dik il-Qorti joghgobha:
"1) Tiddeċiedi l-kawża skond it-talba bid-dispensa tat-trattazzjoni.

"2) Tikkundanna lill-konvenut jħallsu lill-atturi s-somma ta' erbat elef, mitejn u erbgħa u tmenin Lira Maltin (Lm4,284) rappreżentanti sehem l-atturi wara negozju ta' xiri u bejgħ ta' majjali u annimali oħra li l-atturi għamlu flimkien mal-konvenuti u liema somma ta' flus il-konvenuti żammu għandhom mingħajr l-awtorizzazzjoni ta' l-istess atturi.

"Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti nġunti għas-subizzjoni u bl-imgħax mid-data tan-notifika tal-preżenti ċitazzjoni."

Fl-udjenza tal-14 ta' Ġunju, 1999 (fol. 10) il-konvenuti ġew awtorizzati jippreżentaw nota tal-eċċezzjonijiet, u dawn b'nota ppreżentata fit-22 ta' Ġunju, 1999, eċċepew;
"1) Illi fl-ewwel lok l-atturi la kienu jixtru u lanqas ibigħu majjali. Illi għalhekk il-konvenuti għandhom jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju stante l-inattendibilita' tal-azzjoni esperita.

"2) Illi subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju għas-sueċċepit, kull flejjes li talvolta setgħu kienu dovuti lill-atturi tħallsu u għalhekk illum ma għandhomx aktar pretensjonijiet kontra l-konvenuti kif di fatti ser jiġi pprovat fil-kors tal-kawża."

B’nota ta’ l-eċċezzjonijiet ulterjuri ippreżentata fid-19 ta’ Diċembru, 2003, l-istess konvenuti, eċċepew;
“1. Illi l-azzjoni hija nulla u stante li hija konsegwenza ta’ dak li l-istess attur iddiskriva li hija *partnership* u cioe` socjeta` ċivili. Illi ai termini tal-artikolu 1233(1)(f) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta din riedet tkun kostitwita *ad validitatem* permezz ta’ skrittura privata u kwindi *quod nullum est nullum producit effetum* u għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu respinti.”

**Is-sentenza appellata**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b’sentenza moghtija fid-29 ta’ Jannar, 2007 bil-mod segwenti:
“**Għaldaqstant il-Qorti fil-waqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta’ l-ewwel talba stante d-digriet tagħha ta’ l-14 ta’ Ġunju, 1999, tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u tilqa’ t-tieni talba iżda limitatament għas-somma ta’ elfejn, mija u tnejn u erbgħin Lira Maltin (Lm2,142), u għalhekk tikkundanna lill-konvenut iħallas din is-somma lill-attur; bl-imgħaxijiet mid-data tan-notifika taċ-ċitazzjoni. L-ispejjeż jitħallsu kwantu għal nofs mill-atturi u nofs mill-konvenuti.**”

Dik il-Qorti ppronunzjat ruhha hekk wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
”Li l-atturi qed jitolbu l-ħlas tas-somma ta’ erbat elef, mitejn u erbgħa u tmenin Lira Maltin (Lm4,284) rappreżentanti sehemhom minn negozju ta’ xiri u bejgħ ta’ majjali. Dan in-negozju kien jikkonsisti filli huma jixtru u jbiegħu l-majjali fuq isimhom u wara jaqsmu l-qliegħ. It-tnejn kellhom permessi separati għal dan l-iskop.

”Il-konvenuti qed jeċċepixxu l-ħlas u anke ulterjorment illi dak li l-atturi qed jirreferu għalih bħala *partnership* ma kienx jeżisti għaliex ma kienx hemm ebda skrittura privata ai termini ta’ l-Artikolu 1233 (1)(f) tal-Kapitlu 16 u għalhekk *quod nullum est nullum effectum produċit*.

"Huwa utili fil-fehma tal-Qorti li l-ewwel tiġi eżaminata din l-eċċezzjoni. Huwa minnu li l-artiklu msemmi jindika li socjeta` ċivili trid tiġi bilfors kostitwita permezz ta' skrittura privata. Madankollu ma jsegwix illi jekk jirriżulta li l-konvenut żamm għandu flus li suppost għaddihom lill-attur, din l-azzjoni tfalli minħabba f'hekk għaliex altrimenti l-Qorti tkun qed tippermetti arrikkiment inġust da parti tal-konvenut. Il-fatt li dak li hu null ma jipproduċi xejn ma jfissirx li jekk il-konvenut għamel dak li qed jallega l-attur jista' jżomm il-flus daqs li kieku ma kien xejn. Dan għaliex dak li qed jitlob l-attur huwa l-ħlas tal-profitti fuq dawk il-majjali li kienu nxtraw fuq il-permess tiegħu stess u cioe` in-numru DO13. Il-partijiet għalkemm ma għamlu ebda ftehim ta' socjeta` kellhom ċertament ftehim illi bih kienu jixtru f'ismhom daqs li kieku qed jixtru flimkien u jbiegħu bl-istess manjiera. Infatti l-istess attur fl-affidavit tiegħu qal; "*Minkejja li ma kien hemm ebda ftehim per se, ngħid li ahna konna naħdmu bis-sistema kif se nispjega. Il-konvenut kienu jieħu ħsieb dak li għandu x'jaqsam max-xiri u ħlas lill-koperattiva u anke dak li għandu x'jaqsam max-xiri u ħlas lill-koperattiva u anke kien jagħmel l-ordnijiet. Huwa allura kien jordna majjali kemm fuq ismi kif ukoll fuq ismu. Huwa kien ukoll jieħu ħsieb iħallas lill-koperattvia tal-bhejjem li kienu jinxtraw. Da parti tiegħi jien kont nieħu ħsieb il-bejgħ lill-klijenti tagħna. Il-flus kont ngħaddihom lill-konvenut jew lil martu. B'dawn il-flus il-konvenut kien jixtri l-bhejjem u li jifdal jinħadem bħala qliegħ u jitqassam lilna.*" Għalhekk anke jekk jiġi aċċettat li ma kien hemm ebda socjeta` kif allega l-attur meta l-konsulent legali tiegħu kiteb l-ittra a fol 88 tal-proċess, xorta l-atturi jistgħu jitolbu l-ħlasijiet li skond huma huma dovuti lilhom skond dan l-arranġament, jissejjaħ x'jissejjaħ. L-eċċezzjoni ulterjuri għalhekk se tiġi respinta.

"Il-kwistjoni trid tiġi deċiża allura a bażi ta' kredibilita' tal-partijiet u hija ħasra li l-kawża għaddiet minn ġudikant għall-ieħor b'riżultat li l-Qorti kif preseduta ma semgħetx il-provi viva voce, iżda se jkollha tistrieh fuq it-traskrizzjonijiet u d-dokumenti li għandha quddiemha.

"L-argument prinċipali tal-konvenut huwa li billi kien ikun l-attur li jiġbor il-flus huwa inverosimili li għal sewwa iktar

minn sena huwa baqa jgħaddilu l-flus fl-istess waqt li kien qed jippretendi li huwa (il-konvenut) kellu jagħtih u kien ilu għal dan iż-żmien kollu ma jħallsu. Skond il-konvenut, l-attur kien iżomm sehmu qabel ma jagħtih ir-rikavat mill-bejgħ tal-majjali. Meta xehed a fol 58 baqa' jinsisti li l-attur kien jitħallas tlieta u sittin Lira Maltin (Lm63) wara kull bejgħ; ġie li ftit inqas – pero' dejjem tħallas mal-ewwel.

"Skond Carmel Mallia, li kien jieħu ħsieb il-kontijiet, hu kien jaħdem dawn il-kontijiet fuq id-dokumenti li kienu jgħaddulu iżda ma kienx jara l-flus għaddejjin, u anke meta l-attur beda jilmenta miegħu li ma kienx qed jitħallas sehmu, huwa kien jaf b'dan għaliex kien jgħidlu hu u mhux għaliex seta' jikkonfermahom b'xi mod mid-dokumenti. Huwa ftit tkellem mal-konvenut dwar dan għaliex skond hu, dan ma tantx iħobb jagħti sodisfazzjon. Qal li sakemm kien jagħmel il-kontijiet hu, ma kienx hemm inkwiet, iżda mbagħad beda jagħmilhom il-konvenut; jaħseb li kien l-istess konvenut li waqqfu jagħmel dan. L-ammont pagabbli lill-attur mhux dejjem kien ikun tlieta u sittin Lira Maltin (Lm63), iżda skond il-bejgħ (fol 77). Hawn għandu jingħad pero' li meta l-Avukat ta' l-attur kiteb l-ittra gia' indikata, huwa ukoll semma dan l-ammont.

"Il-Qorti tħoss li meta wieħed jieħu l-provi kollha li treqqsu quddiemha, il-verżjoni li jagħti l-attur hija l-iktar waħda verosimili u kredibbli. Ix-xhud Mallia li hu l-uniku xhud li ma kellu għalfejn jgħin lil ebda wieħed mill-partijiet a skapitu ta' l-ieħor (infatti llum għadu jaħdem għat-tnejn li huma), jikkonferma li l-konvenut kien iżomm il-kontijiet u allura jitwemmen l-attur li kien ukoll iżomm il-flus. Kieku l-attur kien iżomm sehmu mill-ewwel, ma kienx ikun hemm għalfejn li xi ħadd jagħmel konteġġi għaliex kien ikun allura faċli li wieħed iżomm is-sehem tiegħu ma' kull bejgħ li kien isir.

"Fejn l-attur ma għandux raġun huwa fil-likwidazzjoni tas-somma li għandu jieħu. Hawnhekk għandu raġun il-konvenut illi jekk kien hemm qliegħ ta' erbat elef, mitejn u erbgħa u tmenin Lira Maltin (Lm4,284), huwa għandu jieħu nofs dan l-ammont u l-argument li għamel l-attur li l-

konvenut kellu jipprova kemm biegħ hu, ma għandu ebda fondament legali u dan għaliex kien jinkombi fuq l-attur li jagħmel din il-prova. Ladardba *ex admissis* il-qliegħ fuq il-bejgħ kellu jinqasam, isegwi li l-attur kellu dritt għal nofs il-qliegħ u mhux fuq il-qliegħ kollu kif qed jitlob. Għalhekk l-ammont dovut lilu hu ta' elfejn, mija u tnejn u erbgħin Lira Maltin (Lm2,142)."

**L-appell tal-konvenuti.**

Il-konvenuti hassew ruhhom aggravati bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b'rikors intavolat fis-16 ta' Frar, 2007, talbu li ghar-ragunijiet hemm moghtija din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka d-decizjoni appellata billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet taghhom tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-atturi appellati.

L-atturi pprezentaw risposta ghall-appell tal-konvenuti fejn issottomettew li s-sentenza appellata ghandha tigi kkonfermata fl-intier taghha ghal diversi ragunijiet fosthom dawk moghtija fl-istess risposta.

Il-konvenut ressaq essenzjalment zewg aggravji kontra s-sentenza appellata u dawn jikkoncernaw fl-ewwel lok ic-cahda tal-eccezzjoni ulterjuri sollevata minnu fejn gie eccepit li la darba l-ftehim bejn il-kontendenti kien jammonta ghal socjeta` civili l-atturi ma jistawx jirnexxu fl-azzjoni taghhom billi ma saret ebda skrittura privata. Fit-tieni lok il-konvenut jsostni li l-ewwel qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti billi l-verzjoni tieghu hija aktar verosimili ghal dik ta' l-attur u kwindi l-atturi ma ghandhom jiehdu xejn.

**Ikkunsidrat:**

Jirrizulta li bejn il-kontendenti kien hemm ftehim biex flimkien jixtru u jbieghu l-majjali billi l-attur jiehu hsieb ix-xiri u l-hlas lill-koperattiva, filwaqt li l-konvenut kien jiehu hsieb il-bejgh tal-istess majjali u l-profitt minn dan in-negozju jinqasam bejniethom.

Il-konvenut ma jikkontestax dan l-arrangament li kien hemm bejnu u l-attur in effetti huwa xhed hekk: "*Minkejja li ma kien hemm ebda ftehim per se, ngħid li aħna konna naħdmu bis-sistema kif se nispjega. Il-konvenut kienu jieħu ħsieb dak li għandu x'jaqsam max-xiri u ħlas lill-koperattiva u anke dak li għandu x'jaqsam max-xiri u ħlas lill-koperattiva u anke kien jagħmel l-ordnijiet. Huwa allura kien jordna majjali kemm fuq ismi kif ukoll fuq ismu. Huwa kien ukoll jieħu ħsieb iħallas lill-koperattvia tal-bhejjem li kienu jinxtraw. Da parti tiegħi jien kont nieħu ħsieb il-bejgħ lill-klijenti tagħna. Il-flus kont ngħaddihom lill-konvenut jew lil martu. B'dawn il-flus il-konvenut kien jixtri l-bhejjem u li jifdal jinħadem bħala qliegħ u jitqassam lilna.*" Din id-dikjarazzjoni fir-realta` tikkontradici dak li sostna l-istess konvenut fl-ewwel eccezzjoni tieghu fejn ighid li "*l-atturi la kienu jixtru u lanqas ibieghu majjali*" u ghalhekk talab il-liberazzjoni mill-osservanza. Din l-eccezzjoni konsegwentement lanqas biss ma ghandha tigi kunsidrata. Izda fit-tieni eccezzjoni tieghu l-istess konvenut jirrikonoxxi l-ftehim li kien hemm billi sostna li "*kull flejjes li talvolta setghu kienu dovuti lill-atturi thallsu*". Din l-istqarrija tikkoncerna l-mertu proprju tal-proceduri istitwiti mill-atturi billi, ghalkemm hemm cahda ta' xi debitu, tirrikonoxxi li kien hemm arrangament bejn il-kontendenti dwar qsim ta' profitti mix-xiri u bejgh ta' majjali.

Il-konvenuti, izda, fi zmien inoltrat tal-kawza u wara li kienu gew prodotti diversi xhieda, talbu li jressqu eccezzjoni ulterjuri, liema talba giet akkolta b'digriet tal-10 ta' Dicembru, 2003. F'din l-eccezzjoni l-konvenuti sostenew illi l-azzjoni hija nulla stante li hija konsegwenza ta' dak li l-istess attur iddiskriva li hija partnership u cioe` socjeta` civili. Illi ai termini tal-Artikolu 1233(1)(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta din riedet tkun kostitwita *ad validitatem* pemezz ta' skrittura privata u kwindi *quod nullum est nullum producit effectum* u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti.

L-ewwel Qorti donna accettat li l-ftehim bejn il-kontendenti kien jehtieg l-formalita` ta' skrittura privata biss irriteniet, u konsegwentement cahdet din l-eccezzjoni, li jekk il-

konvenut jithalla jzomm f'idejh flus dovuti lill-atturi, kienet tkun qed tissanzjona *arrikkiment indebitu* a favur tal-konvenuti u a skapitu tal-atturi.

Fl-ewwel aggravj tieghu fir-rikors ta' l-appell il-konvenut jinsisti fuq din l-eccezzjoni u jsostni li la darba ma kinitx tezisti l-iskrittura privata rikjesta mil-ligi l-azzjoni ma setghet qatt tirnexxi, u dana lanqas fuq il-pretesa ta' arrikkiment indebitu billi dan il-kuncett ma kienx jifforma mertu tal-azzjoni.

Din il-Qorti, pero`, la taqbel li bejn il-kontendenti kien hemm soscjeta` civili li tehtieg, skond l-artikolu 1233 l-formalita` ta' skrittura privata, u lanqas ma taqbel mas-sottomissjoni tal-appellanti li bejn il-kontendenti ma kien hemm xejn u ghalhekk l-azzjoni ma tistax tirnexxi.

Huwa minnu li l-Artikolu 1233(1)(f) tal-Kap 16 jehtieg, taht piena ta nullita`, li skrittura privata. Izda mhux kull negozju li jsir bejn zewg persuni ghandu jigi ekwiparat ghal socjeta` civili. In effetti l-Artikolu 1644 tal-Kap 16 jiddefenixxi *socjeta`* bhala dak il-kuntratt li bih tnejn min-nies jew izjed jiftiehmu li jqieghdu <u>xi haga in komun,</u> sabiex jaqsmu l-qligh li b'hekk jistghu jiehdu. Jidher ghalhekk li wiehed mill-elementi essenzjali biex ftehim jista' jissejjah kuntratt ta' socjeta` skond il-Kap 16, huwa li l-partijiet ghandhom "*jqieghed xi haga in komun*". Fil-kaz in ezami ma jirrizultax li bejn il-kontendenti kien hemm mizmum xi haga in komun; ghal kuntrarju dak li kien qed isir kien kif deskritt ben tajjeb mill-istess konvenut kif hawn fuq riportat u kif ukoll riportat fis-sentenza appellata. Il-partijiet kienu biss jixtru u jbighu majjali, anzi l-attur kien jiehu hsieb ix-xiri mentri l-konvenut kien jiehu hsieb il-bejgh u dan daqqa fuq il-licenzja ta' wiehed u daqqa fuq il-licenzja ossia permess ta' l-iehor. Ma kien hemm ebda oggett li seta' jissejjah "*in komun*" bejn il-kontendenti; kienu biss il-profitti li setghu gew akkwistati b'dan in-negozju li kellhom jitqassmu bejn il-kontendenti. In fatti anke kif tinsab formulata c-citazzjoni li skop ta' dawn il-proceduri huma sabiex l-konvenut ihallas dak li zamm ghalieh u mhux biex l-attur jigi kumpensat mis-socjeta` (li

kienet inezistenti) ta' dak li kellu jiehu. Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat.

Dwar it-tieni aggravju jidher li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament dettaljat u minuzjuz tal-provi prodotti u kien biss wara dan l-ezami li waslet ghall-konkluzzjoni li l-verzjoni tal-attur hija aktar verosimili u kredibbli. Din il-Qorti, bhala Qorti ta' revizjoni, toqghod lura milli tiddisturba kwalunkwe apprezzament tal-provi li setghet ghamlet l-ewwel Qorti specjalment meta ma jkun hemm ebda raguni li tiggustifika dan. Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi skartat.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija, u ghalhekk mhux necessarjament dawk moghtija mill-ewwel Qorti, din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata u konsegwentement tichad l-appell, bl-ispejjez kontra l-konvenuti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------